



Brussell, 13 ta' Mejju 2022
(OR. fr)

8784/22

LIMITE

TRANS 265
CODEC 619

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0420(COD)

RAPPORT

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	ST 6840/1/22 REV 1 ST 7456/22 ST 7750/22 ST 7919/22
Nru dok. Cion:	ST 15109/21
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport, li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1153 u r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u li jħassar ir-Regolament (UE) 1315/2013 - Rapport ta' progress - Skambju ta' fehmiet

I. INTRODUZZJONI

1. Fl-14 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport, li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1153 u r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u li jħassar ir-Regolament (UE) 1315/2013¹. Il-proposta ġiet ippreżentata bħala parti minn pakkett ta' erba' inizjattivi mmirati lejn l-immodernizzar tas-sistema tat-trasport tal-UE u l-appoġġ għat-tranżizzjoni lejn mobilità aktar nadifa, aktar ekoloġika u aktar intelliġenti billi jittejjbu xi wħud mill-komponenti ewlenin tagħha, bħan-Network trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T), is-sistemi ta' trasport intelliġenti, l-ivvjaġġar ferrovjarju transfruntier u fuq distanzi twal u l-mobilità urbana.

¹ ST 15109/21.

2. Ir-reviżjoni proposta tal-politika tal-iżvilupp tat-TEN-T għandha l-għan li tibni network trans-Ewropew tat-trasport affidabbli, bla xkiel u ta' kwalità għolja li jiżgura konnettività sostenibbli fl-Unjoni Ewropea kollha mingħajr lakuni fiżiċi, punti ta' konġestjoni jew konnessjonijiet neqsin sal-2050. Dan in-network huwa maħsub biex jikkontribwixxi għall-kisba tal-oġġettivi ta' mobilità sostenibbli tal-Unjoni, għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern u għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-UE. Dan għandu jiġi żviluppat gradwalment, pass pass, bi skadenzi proposti għall-2030, l-2040 u l-2050.
3. Il-proposta għandha erba' oġġettivi ewlenin:
 - (i) it-trasport isir aktar ekoloġiku billi tiġi pprovduta infrastruttura bażika adegwata biex titnaqqas il-konġestjoni, l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u b'mod aktar ġenerali l-esternalitajiet negattivi tat-trasport;
 - (ii) tiffaċilita t-trasport bla xkiel u effiċjenti, tinkoraġġixxi l-multimodalità u l-interoperabbiltà bejn il-modi tat-trasport u tintegra aħjar in-nodi urbani fin-network;
 - (iii) iżżid ir-reżiljenza tan-network TEN-T għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima u riskji naturali oħra jew diżastri kkawżati mill-bniedem;
 - (iv) ittejjeb l-effiċjenza tal-għodod ta' governanza tat-TEN-T u tissimplifika l-istrumenti għar-rappurtar u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tat-TEN-T.

II. SITWAZZJONI ATTWALI FL-ISTITUZZJONIJIET L-OĦRA

4. Il-Parlament Ewropew ħatar lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) bħala l-kumitat responsabbli għal din il-proposta. Is-Sur Dominique Riquet (Renew, Franza) u s-Sa Barbara Thaler (PPE, Awstrija) inħatru ko-rapporteurs.
5. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta opinjoni fit-23 ta' Marzu 2022. Il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jadotta opinjoni dwar il-proposta f'Ottubru 2022.

III. SITWAZZJONI ATTWALI FIL-KUNSILL

6. Il-proposta u l-valutazzjoni tal-impatt ġew ippreżentati lill-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport - Kwistjonijiet Intermodali u Networks fis-6 u t-13 ta' Jannar 2022, u l-artikoli ġew imbagħad diskussi fid-dettall bejn Jannar u Mejju 2022. Madwar 15-il laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma ġew iddedikati għall-eżami ta' din il-proposta matul dan is-semester. Wara reviżjoni dettaljata ta' kull kapitolu f'Jannar u Frar, il-Previdenza ħejjiet diversi noti b'mistoqsijiet lid-delegazzjonijiet dwar l-aktar aspetti importanti tal-proposta u talbet lill-Istati Membri biex jipprovdu gwida dwar is-suġġetti indirizzati sabiex jiġi ffaċilitat il-fehim individwali u kollettiv tal-kwistjonijiet involuti.
7. Sussegwentement, il-Previdenza abbozzat diversi proposti ta' kompromess² li jkopru partijiet sinifikanti tal-proposta billi ppruvat tiegħu kont tal-biċċa l-kbira tal-kummenti mressqa mill-Istati Membri.

IV. KWISTJONIJIET EWLENIN U PROGRESS

Kummenti ġenerali

8. B'mod ġenerali d-delegazzjonijiet laqgħu favorevolment ir-reviżjoni tar-Regolament bħala opportunità biex jingħata kontribut għall-iżvilupp ta' Żona Unika Ewropea tat-Trasport sostenibbli, effiċjenti u reżiljenti. Bl-istess mod, il-proposta li dan in-network jiġi żviluppat jew immodernizzat fi tliet fażijiet (2030, 2040 u 2050 rispettivament għan-network ewlieni, ewlieni estiż u komprensiv) ġiet appoġġata wkoll.
9. Barra minn hekk, intlaqgħet ukoll il-proposta biex il-kuritur ferrovjarji tal-merkanzija jiġu allinjati mal-kuritur tan-network ewlieni biex jinħolqu l-kuritur Ewropej tat-trasport.

² ST 6840/1/22 REV 1
ST 7456/22
ST 7750/22
ST 7919/22

10. Diversi delegazzjonijiet issottolinjaw li l-proposta tat-TEN-T inkludiet interazzjonijiet ma' proposti oħra fil-qasam tal-politika tat-trasport, b'mod partikolari r-Regolament dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi (AFIR) u d-Direttiva dwar l-ITS, u enfasizzaw l-importanza li tinżamm koerenza tajba ma' dawn il-proposti.
11. B'mod ġenerali, id-delegazzjonijiet innotaw li l-proposta żżid b'mod sinifikanti l-livell ta' rekwiżiti li għandhom jinkisbu għan-network kollu, bl-objettiv ewlieni li jkun hemm infrastruttura unifikata, effiċjenti ħafna u kompletament interoperabbli biex tikkontribwixxi għad-dekarbonizzazzjoni u l-multimodalità. Sabiex jinkiseb dan, il-proposta tipprevedi, b'mod partikolari, li l-biċċa l-kbira tar-rekwiżiti għall-infrastruttura tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija attwalment applikabbli għan-network ewlieni jiġu estiżi wkoll għan-network ewlieni estiż il-ġdid u għan-network komprensiv, inkluż il-konnessjonijiet tal-aħħar mil. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tipproponi li l-implimentazzjoni ta' ċerti obbligi għandha titmexxa 'l quddiem meta mqabbla mar-Regolament attwali. Għalkemm l-Istati Membri ġeneralment ma kkontestawx il-prinċipju ta' rekwiżiti aktar stretti, ħafna minnhom issottolinjaw li dawk ir-rekwiżiti għandhom jibqgħu proporzjonati u adattati għall-funzjonalitajiet u l-livelli tat-traffiku mistennija. F'dan il-kuntest, ġie espress tħassib partikolari rigward ir-rekwiżiti dejjem jiżdiedu għan-network ewlieni estiż u għan-network komprensiv.
12. Barra minn hekk, diversi Stati Membri nnutaw li l-iżvilupp ulterjuri tan-network TEN-T, inkluż l-applikazzjoni ta' rekwiżiti ġodda u l-avvanz ta' ċerti skadenzi, ikun jeħtieġ investiment sinifikanti mill-Istati Membri. Dawn l-investimenti huma stmati mill-Kummissjoni għal EUR 50 biljun fis-sena skont ir-regolament attwali u EUR 16 biljun addizzjonali fis-sena bħala riżultat tar-reviżjoni, sal-2050. Għalhekk, diversi Stati Membri ssottolinjaw l-importanza ta' approċċ realistiku, b'kont meħud tal-kapaċitajiet finanzjarji tagħhom u l-ħtieġa għal appoġġ f'dawn l-isforzi billi jiġu żgurati riżorsi finanzjarji adatti lil hinn mill-qafas finanzjarju pluriennali attwali, inkluż għal proġetti relatati man-network ewlieni estiż u komprensiv tat-TEN-T.

Kummenti dwar kwistjonijiet speċifiċi

13. **Prinċipji ġenerali u dispożizzjonijiet ġenerali** (Kapitoli I u II): Il-Presidenza ħejjiet żewġ proposti ta' kompromess li, filwaqt li jżommu l-loġika ġenerali u l-ambizzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni, jippruvaw jippreċiżaw u jiċċaraw ċerti aspetti u jindirizzaw il-parti l-kbira tat-tħassib espress mill-Istati Membri, fejn punt mill-aktar prominenti huwa l-introduzzjoni mill-ġdid tal-klawżola dwar il-maturità tal-proġetti, ir-rispett tal-proċeduri legali u d-disponibbiltà tar-riżorsi finanzjarji, mingħajr preġudizzju għall-impenji finanzjarji tal-Istati Membri. Il-bidliet introdotti bl-aħħar kompromess (ST 6840/1/22 REV 1) irċewew appoġġ relattivament wiesa' mid-delegazzjonijiet.
14. **Dispożizzjonijiet li jikkonċernaw ir-rekwiżiti speċifiċi għal kull mod tat-trasport** (Kapitolu III): L-artikoli fil-Kapitolu III huma essenzjali għall-proposta peress li jistipulaw ir-rekwiżiti speċifiċi għal kull mod tat-trasport, kif ukoll għat-terminals tal-merkanzija multimodali u n-nodi urbani.
- (i) **Infrastruttura tat-trasport ferrovjarju**: Ir-rwol kruċjali tat-trasport ferrovjarju fil-kisba tal-obiettivi tal-politika Ewropea tat-trasport sostenibbli ġie rikonoxxut b'mod wiesa', kemm għat-trasport tal-merkanzija kif ukoll għal dak tal-passiġġieri. Fl-istess ħin, iż-żieda ta' rekwiżiti ġodda, bħall-gauge ferrovjarju tat-tagħbija P400, it-tħaddim ta' ferroviji b'tul ta' mill-inqas 740 m għall-ferroviji tal-merkanzija fuq in-network kollu, il-veloċità minima ta' 160 km/h għar-rotot tal-passiġġieri tan-network ewlieni u ewlieni estiż, l-aċċellerazzjoni tat-varar tal-ERTMS flimkien maż-żarmar tas-sistemi ta' sinjalari tal-klassi B fin-network kollu, u l-estensjoni tar-rekwiżiti għall-konnessjonijiet kollha tal-aħħar mil qajmu mistoqsijiet u tħassib. L-implimentazzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti ser teħtieġ investimenti kbar ħafna u interventi sinifikanti fuq linji ferrovjarji eżistenti u saħansitra fuq dawk li tlestew reċentement. Dawn id-dispożizzjonijiet jixirqilhom eżami ulterjuri fil-futur.

- (ii) **Infrastruttura tat-trasport bit-triq:** Bil-ħsieb li tittejjeb is-sikurezza fit-toroq, il-proposta tipprevedi, fost l-oħrajn, li jiġi estiż għan-network komprensiv l-obbligu li jiġu pprovduti toroq b'karreġġjati separati mingħajr passaġġi invell u mingħajr aċċess għall-proprjetajiet ta' ħdejhom. Din id-dispożizzjoni qajmet mistoqsijiet mill-Istati Membri, xi wħud jissottolinjaw in-natura sproporzjonata f'ċerti ċirkostanzi, u jfakkru li l-infrastruttura hija biss wieħed mill-fatturi biex tiġi msaħħa s-sikurezza fit-toroq.
- (iii) **Infrastruttura tat-trasport bl-ajru:** B'mod ġenerali, l-Istati Membri kkondividew l-objettiv li tittejjeb il-konnettività tal-ajruporti mas-servizzi tat-trasport ferrovjarju. Madankollu, l-objettiv li l-ajruporti kollha tan-network ewlieni u l-ajruporti ewlenin tan-network komprensiv jiġu konnessi man-network ferrovjarju fuq distanzi twal sal-2030 u l-2050 rispettivament, għal xi wħud deher ambizzjuż ħafna u diffiċli biex jintlaħaq. Għal din ir-raġuni, diversi delegazzjonijiet talbu li l-eżenzjonijiet jiġu estiżi u ċċarati, b'xi wħud jissuġġerixxu li għandu jittieħed kont tas-servizzi tat-trasport kollettiv nodfa bħala alternattiva possibbli għal konnessjoni ferrovjarja direttament fl-ajruport.
- (iv) **Infrastruttura tat-trasport fil-passaġġi navigabbli interni:** Filwaqt li l-prinċipju tat-tisħiħ tat-trasport fil-passaġġi navigabbli interni ġie appoġġat b'mod wiesa', l-obbligu għall-Istati Membri li jiżguraw, tal-inqas għal ċerti perjodi tas-sena, fond tal-kanal navigabbli ta' mill-inqas 2.5 m u għoli taħt pontijiet li ma jinfetħux ta' 5.25 m flivelli ta' referenza definiti, qajjem dubji dwar l-interpretazzjoni tiegħu. Xi delegazzjonijiet qiesu wkoll li s-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni kienu estensivi wisq u għandhom jiġu ċirkoskritti. Dawn id-dispożizzjonijiet jixirqilhom eżami ulterjuri fil-futur.
- (v) **Infrastruttura tat-trasport marittimu:** B'mod ġenerali, l-Istati Membri laqgħu tajjeb ħafna l-kunċett tal-Ispazju Marittimu Ewropew (EMS), kif ukoll l-inklużjoni ta' konnessjonijiet tat-trasport marittimu fuq distanzi qosra bejn il-portijiet fl-istess Stat Membru. Xi Stati Membri esprimew tħassib dwar l-obbligu li jikkollegaw il-portijiet marittimi tan-network komprensiv mal-infrastruttura ferrovjarja, peress li, f'xi każijiet, dan jista' jimplika investimenti kbar.

- (vi) **Terminals tal-merkanzija multimodali:** Ġie ġeneralment mifhum li t-terminals multimodali huma ta' importanza kbira għal integrazzjoni aħjar bejn il-modi tat-trasport u għat-tranżizzjoni lejn trasport aktar effiċjenti u sostenibbli. Madankollu, filwaqt li l-prinċipju ta' akkumpanjament u appoġġ għall-installazzjoni ta' tali terminals ġie appoġġat b'mod ġenerali, l-obbligu għall-Istati Membri li jiżguraw il-preżenza ta' terminal tal-merkanzija multimodali għal kull nodu urban sal-2040 qajjem tħassib minn diversi delegazzjonijiet. Ħafna minnhom issottolinjaw li prinċipalment, it-terminals tal-merkanzija multimodali ġew żviluppati u huma operati minn kumpanniji privati, mingħajr ebda rabta kuntrattwali jew legali mal-awtoritajiet pubbliċi. Konsegwentement, huma esprimew dubji dwar jekk dawn l-obbligi stretti għandhomx jiġu imposti fuq l-Istati Membri.
- (vii) **Nodi urbani:** B'mod ġenerali, ġie appoġġat l-oġjettiv li jitqiesu aħjar in-nodi urbani fin-network sabiex, b'mod partikolari, jittejbu l-konnessjonijiet "tal-aħħar mil", u ġie rikonoxxut ir-rwol tal-Pjanijiet ta' Mobilità Urbana Sostenibbli (SUMPs) fil-kisba ta' żvilupp urban sostenibbli. Fl-istess ħin, diversi Stati Membri qiesu r-rekwiżiti għall-istabbiliment tas-SUMPs u l-forniment tad-data sal-31 ta' Diċembru 2025, kif ukoll ir-rekwiżit għall-ħolqien ta' terminals tal-merkanzija multimodali biex jaqdu n-nodi urbani, bħala sfida ewlenija. Barra minn hekk, diversi Stati Membri ssottolinjaw li l-ippjanar tal-mobilità urbana sostenibbli huwa kompetenza tal-awtoritajiet lokali u li, għalhekk, għandu japplika l-prinċipju tas-sussidjarjetà.

15. **Dispożizzjonijiet għal trasport intelliġenti u reżiljenti** (Kapitolu IV): Fir-rigward tar-reżiljenza tal-infrastruttura, id-delegazzjonijiet qablu dwar l-importanza li jittieħed kont sħiħ ta' din l-isfida, filwaqt li rrikonoxxew li minħabba l-varjetà ta' proġetti ta' interess komuni, li wħud minnhom huma mmexxija minn żviluppaturi privati jew awtoritajiet lokali, l-Istati Membri diffiċli li jinżammu unikament responsabbli biex jiżguraw dan. Diversi delegazzjonijiet saħqu li għandhom jiġu speċifikati r-rekwiżiti addizzjonali ta' reżiljenza għall-klima biex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali għall-proġetti.

Fir-rigward tal-manutenzjoni tal-infrastruttura, il-maġġoranza tad-delegazzjonijiet irrikonoxxew ir-rwol kruċjali tagħha fiż-żamma ta' livell għoli ta' servizz u sikurezza għall-infrastruttura tat-TEN-T, iżda qiesu li d-dispożizzjonijiet imponew diversi obbligi ġodda fuq l-Istati Membri li jaf ikollhom impatt sinifikanti fuq l-ippjanar u l-ispiża għall-manutenzjoni tal-infrastruttura, li għaliha l-Istati Membri huma unikament responsabbli u l-finanzjaturi uniċi. L-artikolu dwar ir-riskji għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku ma ġiex diskuss fid-dettall f'dan l-istadju.

16. **L-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Kurituri Ewropej tat-Trasport u l-prijoritajiet orizzontali - Governanza** (Kapitolu V): B'mod ġenerali l-Istati Membri appoġġaw il-ħidma tal-koordinaturi Ewropej, b'mod partikolari fir-rwol tagħhom bħala faċilitaturi newtrali fl-implimentazzjoni tan-network TEN-T. Huma wrew l-appoġġ tagħhom għall-estensjoni tal-ambitu ta' xogħolhom. Madankollu, diversi Stati Membri qiesu li xi wħud mill-kompiti proposti jmorru lil hinn b'mod sinifikanti minn dan ir-rwol u jistgħu jwasslu għal volum ta' xogħol eċċessiv għall-koordinaturi. B'mod partikolari, huma qiesu li l-koordinaturi ma għandhomx ikunu daqstant involuti fl-aspetti operattivi u li għandha tiġi ċċarata l-kondiviżjoni tar-rwoli mal-korpi ta' governanza tal-kurituri ferrovjarji tal-merkanzija. Barra minn hekk, għadd sinifikanti ta' delegazzjonijiet esprimew riżervi dwar id-dispożizzjoni li tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti ta' implimentazzjoni għal kull pjan ta' ħidma tal-kurituri Ewropej tat-trasport u għaż-żewġ prijoritajiet orizzontali, peress li jiddubitaw mil-valur miżjud tagħha, jibzġu li tkun ikkumplikata u jikkontestaw il-modalitajiet għall-għażla ta' stadji intermedji vinkolanti. Dan peress li l-prijoritizzazzjoni u l-ippjanar ta' proġetti ta' infrastruttura fi ħdan Stat Membru jaqgħu taħt il-kompetenza nazzjonali f'konformità mal-linji gwida tal-UE.

17. **Dispożizzjonijiet komuni** (Kapitolu VI): Filwaqt li rrikonoxxew l-importanza tar-rappurtar, diversi Stati Membri esprimew tħassib dwar l-għadd dejjem jikber ta' obbligi li jikkonċernaw it-trażmissjoni tad-data u appellaw biex il-piż amministrattiv ma jiżdiedx b'mod eċċessiv, pereżempju billi jiġi implimentat il-prinċipju ta' "Għidilna darba biss".

Fir-rigward tal-obbligu li l-pjanijiet nazzjonali jiġu allinjati mal-politika tat-trasport tal-Unjoni, id-delegazzjonijiet irrikonoxxew l-importanza tal-koerenza tal-pjanijiet nazzjonali mal-impenji meħuda fil-livell tal-Unjoni. Huma ssottolinjaw ukoll li dawn il-pjanijiet ta' spiss ikollhom ikopru kamp ta' applikazzjoni usa' u jpoġġu kwistjonijiet Ewropej, nazzjonali u lokali f'perspettiva. Barra minn hekk, diversi ddikjaraw li jkun diffiċli li wieħed jikkonforma mal-iskadenzi proposti għan-notifika għall-konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar l-abbozzi tal-pjanijiet tagħhom qabel dawn jiġu adottati. Fl-aħħar nett, l-artikolu dwar l-emendi għar-Regolament (UE) Nru 913/2010 għad irid jiġi eżaminat fid-dettall.

Kwistjonijiet oħra

18. **Eżenzjonijiet:** Il-proposta tipprevedi li jistgħu jintalbu eżenzjonijiet minn ċerti rekwiżiti f'każijiet debitament ġustifikati u taħt ċerti kondizzjonijiet, inkluż analiżi soċjoekonomika speċifika f'kull sitwazzjoni. L-eżenzjonijiet jingħataw mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.

Filwaqt li japprezzaw li huwa dejjem possibbli li jintalbu derogi, l-Istati Membri qiesu li l-proċedura proposta tista' tkun ta' piż b'mod partikolari minħabba l-varjetà u l-kamp ta' applikazzjoni tan-network TEN-T u l-livell għoli ta' rekwiżiti mistenni. Għal raġunijiet ta' effiċjenza u prevedibbiltà u sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv kemm għall-Kummissjoni kif ukoll għall-partijiet ikkonċernati, diversi Stati Membri pproponew li jiġi stabbilit reġim ta' eżenzjoni usa' u aktar ġeneriku, li jkun japplika għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-proposta.

19. **Mapep:** Diversi Stati Membri bagħtu kummenti bil-miktub dwar il-mapep annessi mal-proposta, li għadhom ma ġewx diskussi. Il-Presidenza biħsiebha tiddiskutihom mal-Istati Membri kkonċernati matul ix-xahar ta' Ġunju, flimkien mal-Presidenza li jmiss sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-ħidma.

V. KONKLUŻJONI

Il-Presidenza tqis li sar progress sostanzjali fuq il-proposta u li l-ħidma mwettqa tipprovdni bażi solida għal aktar ħidma fil-Kunsill.

Bil-ħsieb tal-Kunsill TTE tat-2 ta' Ġunju 2022, il-Ministri huma mistiedna jieħdu nota tar-rapport dwar il-progress u jiskambjaw fehmiet dwar iż-żewġ kwistjonijiet li jinsabu fl-Anness għal dan ir-rapport.

Kif juri r-rapport dwar il-progress, id-diskussjonijiet tekniċi li saru fil-Kunsill wasslu għal progress ulterjuri lejn fehim komuni dwar il-kwistjonijiet. Bil-ħsieb li jsir aktar progress lejn pożizzjoni komuni tal-Kunsill, il-Presidenza tistieden lill-ministri jipprovdu gwida dwar dan li ġej, b'ħin massimu ta' tliet minuti għad-diskorsi.

1. X'elementi importanti tixtieq taqşam dwar il-ħames kapitoli trasversali (I, II, IV, V, VI) tal-proposta tal-Kummissjoni u dwar id-direzzjoni tal-ħidma mwettqa s'issa fuq dawn il-ħames kapitoli?
2. Il-Kapitolu III jistabbilixxi r-rekwiżiti speċifiċi għal kull mod tat-trasport, kif ukoll għan-nodi urbani u terminals tal-merkanzija multimodali. Kif tanalizza l-approċċ propost mill-Kummissjoni għal dan il-kapitolu?